TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 145/16/F

**Patrick u Rita Refalo**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 26 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Lulju, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mija, u ħamsa w disgħin ewro (€195), rappreżentanti prezz ta' spejjeż li ħallsu u li nefqu sabiex tiġi riparata l-*fridge/freezer,* u li wara ftit ma kinitx tajba.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw il-fridge illi kienet ilha għandhom għal xi sitt snin, u wara dan iż-żmien is-soċjeta' ntimata saret l-aġent ta' din id-ditta, li kienet Siemens u li għalhekk ħaduha għat-tiswija għax il-fridge u l-freezer ma kinux qed jaħdmu.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi bidlet board bil-prezz ta' mija u sittin ewro (€160), u wara ftit reġa' kien hemm il-ħsara u jidher li kien hemm xi leak tal-gas u kienet riskju biex tissewwa, u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni biex ma tisewwiex.

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tiprova ssewwi l-fridge li kellha l-ħsara u għalhekk ordnat il-part.

It-Tribunal mhux konvint li dak iż-żmien kien ġa hemm il-leakage tal-gas u li dan ġara wara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**